# MOZZJONI TA' PROĊEDURA DWAR ABBOZZ TA' LIĠI

**57. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar** jipproponi:

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura fuq l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 51".

A. Illi l-Abbozz ta' Liġi jkun eżentat mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti Nru. 94); u jkun dikjarat urġenti, u aktar minn stadju wieħed ikun jista' jittieħed f'seduta waħda (Ref. Ordni Permanenti Nru. 93);

B. Illi d-diskussjoni fuq id-diversi stadji ta' dan l-Abbozz tkun eżentata mill-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, jekk dan ikun meħtieġ;

C. Illi d-diskussjoni tul it-Tieni Qari, jekk ma tkunx intemmet qabel, ma għandhiex tieħu aktar minn siegħa minn x'ħin tkun bdiet, meta titqiegħed kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex jintemm it-Tieni Qari;

D. Illi d-diskussjoni fil-Kumitat, jekk ma tkunx intemmen qabel, ma għandhiex tieħu aktar minn siegħa minn x'ħin tkun bdiet, meta ċ-Chairman minnufih iqiegħed il-mistoqsija fuq il-klawsola, emenda jew skeda li dak il-ħin tkun qed tiġi diskussa, u jkompli jqiegħed il-mistoqsija fuq l-emendi li jibqa', u fuq il-klawsoli u l-iskedi l-oħra kollha, waħda wara l-oħra, mingħajr emendi jew diskussjoni; iżda Ministru jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli, jew klawsoli ġodda mingħajr avviż titqiegħed mingħajr diskussjoni;

E. Illi t-Tielet Qari jittieħed meta jintemm il-Kumitat, jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat.

31.05.1977